# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 8 ta' Mejju 2025**

**Numru 2**

**Rikors Numru 519/2024**

**Mary Rose Mallia**
**vs**
**Direttur Ġenerali tas-Sigurta Socjali'**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' Mary Rose Mallia (l-esponenti) tal-20 ta' Novembru 2023, liema appell sar minn deċiżjoni Tal-Arbitru Dwar is-Servizzi Soċjali.

Rat ukoll ir-risposta tal-intimat Direttur tat-22 ta' Diċembru 2023.

Rat il-verbal tal-10 ta' Lulju 2024 tal-Qorti tal-Appell fejn fost oħrajn provda hekk:

"*Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-appellanta naqset milli tindika b'mod preciz l-Artikoli tal-Ligi li fuqhom qiegħda issejjes it-talba tagħha għal riferenza kostituzzjonali u konvenzjonali, u liema huma d-dritt jew drittijiet tagħha li hija qed tallega li gew lezi.*

*Barra minn hekk l-appellanta naqset milli tindika b'mod preciz id-domandi li hija tehtieg li jigu riferuti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) permezz tar-riferenza kostituzzjonali u konvenzjonali.*

*Għalhekk l-appellanta qed tingħata xahar zmien mil-lum sabiex permezz ta' nota bin-notifika jew bil-visto tal-avukat tal-kontroparti tagħmel dak li qed jigi indikat lilha mill-Qorti.*

*L-appellat qed jingħata xahar zmien min-notifika jew mill-visto għar-risposta tiegħu.*

*Thalli l-appell għall-provediment għat-23 ta' Ottubru 2024 fid-9.00am*."

Rat in-nota tal-esponenti tat-8 ta' Awwissu 2024 li permezz tagħha informat lil dik il-Qorti li r-referenza kienet qed tintalab għaliex bil-mod kif l-intimat Direttur kien japplika l-artikolu 42A ta l-Att Dwar is-Sigurta Soċjali (Kap 319) inkiser jew ser jinkisru d-drittijiet fundamentali tagħha kif imħarsa minn Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-artikolu 37, tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament. Għamlet ukoll referenza għall-ksur tal-artikolu 14 meħud konguntivament mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta' Novembru 2024 li permezz tiegħu dik il-Qorti b'digriet elaborat qalet li t-tqanqil tal-kwistjoni Kostituzzjonali u

konvenzjonali sollevata mill-appellanti Mary Rose Mallia fin-nota tagħha tat-8 ta' Awwissu 2024 ma kinitx frivola jew vessatorja għall-finijiet u l-effetti kollha tal-artikoli 46(3) u 4(3) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament u għalhekk laqgħet it-talba ta' l-esponenti sabiex issir referenza Kostituzzjonali lil din il-Qorti.

**Punti ta' fatti**

Fatti li ma hemmx kontestazzjoni fuqhom kronoloġiċi huma s-segwenti:

1. Iżżewweġ l-ewwel mara fl-1983 u fl-1986 iż-żwieġ kien diġa' spiċċa, tant li kienet saret kawża ta' separazzjoni bin-numru17/86FD.

2. Saret separazzjoni bejn Carmel Mallia u l-ewwel mara, li kien jisimha Doris, fis-6 ta' Diċembru 1991.

3. Carmel Mallia ottjena divorzju minn mal-ewwel mara fl-2016.

4. Ir-rikorrenti u Carmel Mallia ċċelebraw iż-żwieġ fil-15 ta' Ottubru 2016.

5. Camel Mallia miet fl-20 ta' Novembru 2020.

6. Ir-rikorrenti għexet ma' Carmel Mallia mill-1991 sal-2020 u ċioe' ben 19 -il sena.

Lanqas ma huwa kontestat li l-ewwel mara kienet irrinunzjat għas-suċċessjoni ta' Carmel Mallia. Jiriżulta wkoll li l-intimat Direttur tassew applika l-artikolu 42A tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod li l-esponenti mhux biss trid tirrifondi xi flejjes imma saħansitra qiegħdha prattikament tkun imċaħħda mill-pensjoni tar-romol għaliex l-ewwel mara hija ħajja u dan

fid-dawl ukoll li l-esponenti kienet ilha miżżewwġa legalment lil Carmelo Mallia erbgħa snin biss.

Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, l-esponenti qed tilmenta li ġew miksura d-drittijiet tagħha fuq imsemmija.

**Punti ta' liġi**

Huwa ċar li l-esponenti qed targumenta li bil-mod kif kien applikat l-artikolu 42A tal-kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, inkisrilha d-dritt tagħha għat-tgawdija tal-possedimenti tagħha abbażi tal-artikoli rispettivi fuq imsemmija tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.

Artikolu 37 tal-kostituzzjoni jiddisponi li "*ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jewdritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksubb'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġiapplikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist*". Mentri artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni għid li "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u blaħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġeneralital-liġi internazzjonali".*

Issa artikolu 42A tal-Kap 318 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

*"(1) Meta l-persuna assigurata li mietet tkun, bħala konsegwenza li kienet divorzjata, ħalliet warajha armla waħda jew aktar, il-pensjoni dwar ir-romol għandha tiġi mqassma. Kull armla, ħlief l-armla attwali, għandha*

*tieħu porzjon tal-pensjoni dwar ir-romol li tkun ibbażata fuq il-perjodu rispettiv taż-żwieġ tagħha, jiġifieri:*

*(a) fil-każ fejn kien hemm divorzju, mid-data taż-żwieġ sad-data tad-divorzju; u*

*(b) fil-każ fejn kien hemm firda personali, u fejn ma kien jeżisti l-ebda dritt legali għal manteniment favur l-armla, mid-data taż-żwieġ sad-data tal-mewt tal-persuna assigurata.*

*(2) Il-porzjon tal-pensjoni dwar ir-romol li tkun dovuta lill-armla skont is-subartikolu (1):*

*(a) tkun biss fir-rigward ta' dawk is-snin taż-żwieġ, kif imfissra fis-subartikolu (1), li fihom il-konjuġi mejjet kien qed iħallas jew kien akkreditat kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali taħt dan l-Att;*

*u(b) għandha tiġi kkalkolata fuq il-perjodu previst fil-paragrafu (a), bil-proporzjon li jkollu għall-perjodu totali tas-snin ta' kontribuzzjoni li fuqhom tiġi stmata l-medja tal-kontribuzzjoni tal-konjuġi li miet sabiex tiġi stabbilita l-pensjoni tiegħu tal-irtirar skont dan l-Att.*

*(3) L-armla attwali għandha tieħu dak il-porzjon tal-pensjoni dwar ir-romol li jibqa' wara li jkun sar it-tqassim skont is-subartikoli (1) u (2)".*

Il-Qorti ma tistax ma tosservax il-mod diletattantesk u tal-mistħija kif dan l-artikolu jinsab tradott fit-test Ingliż tal-liġi għaliex ma jirriflettix it-test bil-Malti. Hija xorti tajba li minn wara l-1964, sa fejn ikun konflitt ta' traduzzjoni huwa l-Malti li jirbaħ fir-rigward ta' Liġijiet li ġew promulgati wara din is-sena. Fortunament din il-liġi daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1987.

**Konsiderazzjonijiet**

L-ewwel li jrid ikun kunsidrat hu jekk pensjoni tar-romol hiex titutabbli bħala possediment jew patrimonju ai fini ta' l-azzjoni Kostituzzjonali li qed tkun esperita abbażi ta' l-artikoli Kostituzzjonali u Konvenzjonli.

Din il-Qorti temmen bil-qawwa kollha li kull benefiċċju materjali, anke jekk mhux pekunjarju, li jkun akkwistat bil-ħidma tal-bniedem jistħoqqlu li jkun protett mill-artikoli fuq imsemmija. Dak kollu li huwa mnissel mill-ħidma tal-bniedem direttament jew indirettament jistħoqqlu li jitqies bħala propjeta' jew possediment kif indikat mill-istess artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Issa f'dan il-każ il-kwistjoni tittratta pensjoni kontributorja, jiġifieri, l-intitolat ikun ikkuntribwixxa b'mod pekunjarju għaliha tul il-ħajja lavorativa tiegħu. Iżda d-dritt għall-pensjoni tant jistħoqqlu protezzjoni għaliex huwa meqjus bħala possediment u propjeta' taħt dawn l-artikoli, illi intqal li "*Where an individual has an assertable right under domestic law to a welfare benefit, the importance of that interest should also be reflected by holding Article 1 of Protocol No. 1 to be applicable"(*Ara **Sentenzi fl-ismijiet Stec and Others v. the United Kingdom (dec.) [GC], § 51; Moskal v. Poland, § 39; Andrejeva v. Latvia [GC], § 77**). Minn dan il-passaġġ jidher ċar li l-QEHD ma hiex tiddistingwi bejn benefiċċju soċjali li jkun sar kontribut u ieħor li jingħata fi kwalunkwe każ. Il-Qorti bħal donnha qed tippresumi li kull benefiċċju soċjali jakkwista l-kwalita' ta' propjeta' jew possediment minħabba l-fatt biss li ċittadin intitolat għalih, li huwa ukoll *tax payer*, ma

jistax ikun imċaħħad minnu. Dan tant huwa minnu li l-QEHD tkompli tispjega "*If, however, a Contracting State has in force legislation providing for the payment as of right of a welfare benefit – <u>whether conditional or not on the prior payment of contributions</u> – that legislation must be regarded as generating a proprietary interest falling within the ambit of Article 1 of Protocol No. 1 for persons satisfying its requirements.* (Emfażi tal-Qorti u ara **Stec and Others v. the United Kingdom (dec.) [GC], § 54**). U biex ma tħalli ebda dubbju li dritt għal pensjoni hu mħares qua dritt fundamentali din il-Qorti tkompli tispjega li "*Furthermore, Article 1 of Protocol No. 1 was found applicable in a case where the applicant was ordered to repay benefits received, in good faith, in reliance on an administrative decision and where the authorities had made a mistake*" (Ara **Čakarević v. Croatia, §§ 54-65**). Bħal donnu fl-aħħar Sentenza dik il-Qorti kellha f'moħħha l-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum.

Stabbilit li d-dritt għall-pensjoni huwa wieħed tutelabbli, issa jmiss li jkun mistħarreġ l-ilment tal-appellanti.

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju, anke kif osserva l-Arbitru fl-aħħar ftit linji tas-Sentenza, li dan huwa każ sfortunat u l-esponenti, għal mod kif qed ikun applikat l-artikolu 42A, qed issofri intortament għaliex jidher ċar li għalkemm sal-2016 ma kinitx mart Carmelo Mallia fis-sens legali, kienet fil-fatt de facto martu għall-effetti prattiċi u rejali tal-ħajja.

Pero' anke l-leġislatur irrikonoxxa li f'ċirkostanza bħal din persuna tista' issofri preġudizzju. Tant huwa minnu, li ħass li kellu jagħmel intervent

leġislattiv bis-saħħa tal-ATT XVIII tal-2021 meta sa fejn jirrigwarda d-definizzjoni ta' armla, Artikolu 2 tal-Kap 318 illum jiddisponi li *"persuni li juru għas-sodisfazzjon tad-Direttur, abbażi ta' dokumenti meħtieġa* *li jkunu għexu flimkien f'ċirkostanzi simili għal żwieġ*, *unjoni ċivili* *jew koabitazzjoni għal mill-anqas għaxar (10) snin minnufih qabel il-mewt ta'waħda (1) mill-partijiet li kienet tgħix f'ċirkostanzi simili għal żwieġ*, *unjoni ċivili jew koabitazzjoni u li ż-żwieġ, unjoni ċivili jew koabitazzjoni ma kienx kuntrattat u reġistrat minħabba dak il-mewt ta' waħda (1) mill-partijiet liema mewt trid tkun seħħet bejn l-1 ta' Jannar 2017 u l-31 ta' Diċembru 2020, għar-rigward ta' armla attwali, kull fejn din tidher, raġel għandha tinkludi mara"* di pju', skond din il-Qorti l-istess definizzjoni teskludi lill-ewwel mara meta jingħad li "*Konjuġi li jibqa' jgħix*, *sew armla sew armel, ta' koppja miżżewġa, li minnufih qabel ma jormol kien miżżewweġ mal-konjuġi li jmut u* *kellu jedd legali għall-manteniment mill-konjuġi l-ieħor*". (Emfażi tal-Qorti). B'dan l-intervent il-Leġislatur irrikonoxxa l-forom ġodda ta' relazzjonijiet bejn tnejn minn nies, li ż-żminijiet ġabu magħhom.

Dan ifisser li l-esponenti tikkwalifika taħt id-definizzjoni fuq imsemmija, mentri l-ewwel mara tikkwalfika biss sa fejn kienet għadha mhux separata mill-mejjet, u ċioe' sal-1991 meta kienet separata legalment minn mal-mejjet u ċertament qatt ma jista' jingħad li hi baqgħet tgħix miegħu. Għalhekk jekk qatt, l-esponenti ħaqqha tirċievi pensjoni pro rata abbażi tal-

kontribuzzjonijiet li għamel il-mejjet kalkolata mill-1991 sal-2020 meta ġie nieqes.

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li bil-mod kif l-artikolu 42A tal-Kap 318 tal-Liġijiet ta' Malta ġie applikat fil-konfront tagħha jista' jitqies li qed jikser id-drittijiet fundamentali tagħha kif imħarsa mill-artikoli 37 u artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ma tarax pero', li hemm ksur tal-artikolu 14 abbinat tal-Konvenzjoni mal-artikolu 1 tal-Protokoll, peress li kif rilevat il-liġi diġa' tipprovdi għas-sitwazzjoni mingħajr ma tiddiskrimina jew tagħti xi privileġġ lil xi armla fuq dik attwali, li f'dan il-każ hija l-esponenti.

**Deċide**

Għalhekk din il-Qorti qed tiddisponi mir-referenza kif fuq spjegat u tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) biex tiddeċiedi l-każ skond il-liġi.

Spejjes skond kif tiddeċiedi dik il-Qorti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**